# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 394/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jeremy Cassar**

Illum id-disgħa (9) ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jeremy Cassar**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 330177(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol nhar it-2 ta' Frar 2018 matul il-ġurnata u/jew fix-xhur ta' qabel f'Joe House, Triq il-Gżira, Gżira:

1. fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala direttur ta' JJC Construction Services Limited u persuna li jħaddem naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati kif ukoll tal-

persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol billi naqas milli jieħu miżuri neċessarji sabiex waqgħat mill-għoli jkunu fiżikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu għoljin biżżejjed u jkollhom tal-anqas bord tat-tarf, poġġaman ewlieni u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqas ukoll li jiżgura li x-xogħol fl-għoli jitwettaq biss b'apparat speċjali jew bl-użu tal-apparat ta' protezzjoni kollettiv bħal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurta'. Fejn l-użu ta' tali apparat ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol għandhom ikunu pprovduti u għandhom jintużaw mezzi adatti tal-aċċess u arnessi tas-sigurta' jew metodi ta' ankraġġ oħra ta' sigurta'. Naqas ukoll li jiżgura li poġġamani ta' protezzjoni jitpoġġew madwar trombi u turġien u dan *ai termini* ta' Artikolu 6(1)(2) ta' Att 27/2000 (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta), Regolament 5 tal-iSkeda IV (Parti B, Sezzjoni II) ta' Avviż Legali 281/2004 (S.L. 424.29) u Artikoli 5.1, 5.2, 5.3, 5.4 u 5.5 (Skeda II, Sezz. II Parti B) ta' Avviż Legali 88/2018;

2. fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li jħaddem, naqas li jagħmel jew li jiżgura li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan *ai termini* ta' Artikolu 10(1) ta' Avviż Legali 36/03 (S.L. 424.18);

3. fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li taħdem tiżgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikati fi Skeda 2 tal-Ordni u tiżgura li

fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kompatibbli u li jibqa' jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqas ukoll li jistabilixxi l-kondizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skont il-bażi tas-serjeta' tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u jiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġjene għall-utenti differenti. Naqas li jiżgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u jiżgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kondizzjoni iġjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Naqas milli jara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali javżah dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Naqas ukoll li jiżgura li jiġi kkonsultat ir-rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurta' tal-Ħaddiema u dan *ai termini* ta' Artikoli 4, 5, 6, 7, 8 10(1)(2), 11 u 17 ta' Avviż Legali 121/03 (S.L. 424.21).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 5 tal-iSkeda IV (Parti B, Sezzjoni II) ta' Avviż Legali 281/2004 u Regolamenti 5.1 sa 5.5 tal-iSkeda II Sezzjoni II Parti B ta' Avviż Legali 88/2008, Regolament 10(1) ta' Avviż Legali 36/2003 u Regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10, 11 u 17 ta' Avviż Legali 121/2003, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu jħallas multa ta' ħamest elef Euro (€5,000) li f'każ li ma titħallasx kellha tinbidel fi priġunerija fit-termini ta' Artikolu 11 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata*

*u dana billi: (1) stante n-nullita' tas-sentenza appellata, ossia fid-dawl tal-aggravju 'A', tħassar l-istess u tirrimanda l-atti lura quddiema il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan sabiex ma tipprivax lill-appellant mill-benfiċċju tad-doppio esame jew (2) fl-eventwalita' li l-aggravju 'A', u kwindi l-ewwel (1) talba ma tiġix akkolta, li tirriforma s-sentenza appellata u tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u ġusta u dana fid-dawl tal-aggravju 'B'."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-qosor mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-2 ta' Frar 2018 Elizabeth Sharon Saliba għamlet spezzjoni ġewwa Joe House, Triq il-Gżira, Gżira fejn sabet ħaddiema li ma kinux qed jaħdmu *safe*. Tgħid li żewġ ħaddiema ta' JJC Construction Services Limited kienu esposti għal waqgħat mill-għoli u la kellhom *edge protection*, la fit-taraġ u lanqas fil-gallariji jew fuq is-saqaf fejn kienu qed jaħdmu. Irriżulta li Jeremy Cassar huwa direttur tas-soċjeta' JJC Construction Services Limited u dan skont kif xehed Quentin Tanti, ir-rappreżentant tar-Registratur tal-Kumpaniji. Wieħed mill-ħaddiema li nstabu fuq il-post ċertu Silvio Cassar xehed li kien ilu mpjegat tmintax (18)-il sena mal-appellant allura imputat.

Minkejja li huwa ftakar li kienu marru tal-OHSA iżda fix-xiehda tiegħu kien xott mid-dettalji għalkemm fil-kontro-eżami huwa qal li l-kuntrattur dejjem kien jipprovdi erba' affarijiet: il-*helmet*, il-*vest,* is-*safety shoes* u l-*harness*. Ma kienx jaf jekk libishomx dakinhar li saret l-ispezzjoni. L-appellant allura imputat xehed li kulħadd ikollu s-*safety equipment* u li l-*basics* huma s-*safety shoes, high vis vests, harnesses* u *helmets*. Jgħid li huwa ma jkunx fuq is-sit il-ħin kollu u li dakinhar tal-ispezzjoni kellu jasal il-*bricks*.

Illi l-appellant ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti b'numru ta' imputazzjonijiet u l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fil-21 ta' Ottubru 2021 fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu u kkundannatu jħallas multa ta' ħamest elef Euro (€5,000). L-appellant appella mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u ressaq numru ta' aggravji fir-Rikors tal-Appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar in-nullita' tas-sentenza appellata a tenur ta' Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jaqsam dan l-aggravju fi tnejn: fl-ewwel parti tiegħu l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti ċċitat b'mod skorrett il-liġi applikabbli. Jargumenta li l-Ewwel Qorti ċċitat Avviż Legali 88 tal-2008 liema Avviż Legali ma għandu x'jaqsam xejn mal-każ. Jisħaq li kellu jiġi ċitat Avviż Legali 88 tal-2018. Jargumenta li dan għandu jwassal sabiex is-sentenza appellata tiġi dikjarata nulla. Fit-tieni parti tal-ewwel aggravju l-appellant jisħaq li s-sejbien ta' ħtija sar taħt liġi ineżistenti. Jissottometti illi dwar l-ewwel (1) imputazzjoni l-Ewwel Qorti sabet ħtija taħt liġi li kienet li ilha mħassra mis-sena 2018 u ċioè Avviż Legali 281 tal-2004 (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29 tal-Liġijiet ta' Malta). Jgħid li dan tħassar b'Avviż Legali 88 tal-2018 u li allura kellu jsegwi li l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tagħmel riferenza għalih fil-parti dispożittiva tas-sentenza.

Illi t-tieni aggravju huwa dwar il-piena li l-appellant iqis li hija waħda eċċessiva. Jirreferi għal Artikolu 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-

Liġijiet ta' Malta u għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.33 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li huwa qatt ma rċieva xi avviż mill-Awtorita' u li għalhekk hu ġie mċaħħad mill-benefiċċju maħsub fil-*proviso* ta' Artikolu 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta Jisħaq li l-ammont kien ikun ferm anqas mill-multa imposta fuqu mill-Ewwel Qorti. Jargumenta li l-Uffiċjal tal-OHSA irrimarkat li l-i*Stop Order* għat-twaqqif tax-xogħlijiet inħarġet fit-2 ta' Frar 2018 u li hija ġiet revokata fid-9 ta' Frar 2018 minħabba li s-sit ġie *rendered safe*. Jgħid li dan kollu għandu jittieħed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-piena. Jargumenta wkoll li l-Ewwel Qorti sabet ħtija fih ta' liġi li ġiet imħassra fis-sena 2018 u li tali reati kellhom jiġu esklużi *ab initi*o. Jgħid li hu kkoopera mal-uffiċjali waqt li fi żmien sebat ijiem ħa ħsieb jirrimedja.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-rigward tal-ewwel aggravju din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tinnota li meta fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati lilu hija għamlet riferenza għas-segwenti (*a fol.* 52):

> "Artikolu 6 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 5 tal-iSkeda IV (Parti B, Sezzjoni II) tal-Avviż Legali 281/2004 u Regolamenti 5.1 sa 5.5 tal-iSkeda II Sezzjoni II Parti B tal-Avviż Legali 88/2008, ir-Regolament 10(1) tal-Avviż Legali 36 tas-sena 2003 u r-Regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10, 11 u 17 tal-Avviż Legali 121/2003". [emfażi miżjuda]

Illi huwa bil-wisq ċar li r-riferenza li saret mill-Ewwel Qorti għal Avviż Legali 88 tal-2008 kienet waħda skorretta u dana peress li dan l-Avviż Legali jirrigwarda Regoli ta' l-2008 dwar il-Miżuri ta' Kontroll ta' l-Influwenza tat-Tjur (Att dwar is-Servizzi Veterinarji – Kapitolu 437 tal-Liġijiet ta' Malta). Apparti minn dan, fir-rigward ta' Avviż Legali 281 tal-2004 (ossia Leġislazzjoni Sussidjarja 424.29 tal-Liġijiet ta' Malta) jirriżulta li dan ġie mħassar b'Avviż Legali 88 tal-2018 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Marzu 2018 meta s-sentenza appellata ngħatat fil-21 ta' Ottubru 2021.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;
>
> Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi isemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid

eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).

Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Qorti tinnota li n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tindika eżatt l-Artikoli kollha tal-liġi li minnhom jemerġu l-imputazzjonijiet li tagħhom nstabet ħtija jwassalha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat.

Illi kif qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq iċċitata:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage**.

Illi għaldaqstant isegwi li din il-Qorti ser tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u ser tilqa' wkoll l-ewwel talba tiegħu hekk kif kontenuta fir-Rikors tal-appell. B'hekk ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Jeremy Cassar u għaldaqstant tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-

*doppio esame,* qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**